# L-ILSIERA FI ŻMIEN L-ORDNI F'MALTA (3)



JOSEPH SERRACINO



L-Ordni ġiet Malta bi flotta ċkejkna ta' xwieni, iż-żewġ barrakki: Santa Marija, il-barrakka x-xiħa li snin wara kienet għerqet f'Daħlet ix-Xwieni (illum Dockyard Creek) u s-Sant' Anna, galjun, żewġ galeri u bastimenti oħra tat-tagħbija. Magħhom ġew ħafna ħaddiema ta' diversi snajja u nies oħra minn Rodi li ma xtaqux jinfirdu mill-Ordni, u li fi żmien relattivament qasir integraw mal-Maltin li kienu diġà magħrufin bħala bennejja tax-xwieni u opri oħra tal-baħar.

Mal-wasla tagħhom fil-gżira, il-kavallieri ħadu pussess tal-Kastell Sant' Anġlu mingħand il-familja nobbli ta' Nava, u ħafna min-nies li ġew magħhom marru joqogħdu fil-Burgo (il-Birgu) li f'dak iż-żmien kien diġà villaġġ imdaqqas qrib il-kastell.

## ISERVU U JOBDU

Jingħad li qabel il-miġja tal-kavallieri f'Malta xi wħud mill-familji nobbli u dawk għonja Maltin diġà kellhom xi lsiera magħhom. Sintendi dawn l-ilsiera, bħall-ilsiera kollha mjassrin f'pajjiżi oħra kienu jiġu mġiegħlin iservu u jobdu lil sidhom fedelment, u aktarx li ma l-iċken reat kienu jbigħuhom jew jitfgħuhom il-ħabs. B'danakollu, diversi kitbiet juru li ħafna mill-ilsiera li kienu mal-familji Maltin kienu fdati u miżmumin tajjeb ħafna. Xi wħud isostnu li n-nobbli u l-familji għonja biss setgħu jżommu l-ilsiera magħhom għax dawn kellhom il-flus u faċilment setgħu jakkwistawhom billi jixtruhom mingħand xi padrun ta' xi xini wara li dawn l-imsejknin ikunu waqgħu f'idejh wara xi taqbida ma' xi xini Misilma.

Hu fatt magħruf li waqt li ħafna mill-ilsiera nisa kienu fdati ħafna fid-djar tal-familji Maltin mhux biss fix-xogħol tad-dar iżda wkoll fil-ħarsien tat-tfal, insibu każi, mhux rari, ta' abbużi mis-sidien tagħhom. Dan jidher ċar f'diversi testmenti fejn it-testatur ħalla xi wirt għal xi tifel jew tifla ta' xi lsiera, u ġieli talab għall-ħelsien tagħhom mill-jasar wara mewtu. Dawn mhumiex stejjer li ssibhom f'xi rumanzi iżda huma fatti reali li ġraw tabilħaqq fiż-żmien meta ħafna familji sinjuri kellhom fi djarhom ilsiera nisa.

## LIBERTÀ

Jingħad ukoll li l-ilsiera miżmumin mal-familji Maltin ma kinux imwarrbin u mkassbrin kif jaħsbu ħafna. Kien hemm minnhom li kienu fdati ħafna mis-sidien tagħhom fit-tmexxija ta' lsiera oħra, u saħansitra kellhom il-libertà li joħorġu fi x'ħin iridu u jmorru fejn iridu. Bosta drabi, xi sidien, l-aktar dawk nobbli jew għonja, kemm bil-kliem kif ukoll bl-eżempji tajbin kienu jippruvaw jikkonvertuhom għat-twemmin Nisrani, l-ewwelnett għax kienu jemmnu li n-Nisrani biss seta' jsalva ruħu, u t-tieni għax bħala Nsara kienu jħossuhom aktar żguri minnhom u b'hekk setgħu jafdawhom aktar.

Mhux l-ewwel darba li kien hemm ilsiera li għall-iskopijiet ta' moħħhom kienu taparsi jikkonvertu għat-twemmin Nisrani, u dan aktarx kienu jagħmluh biex jintgħoġbu mis-sidien tagħhom u forsi b'hekk jiksbu l-ħelsien mill-jasar. Kien hemm oħrajn li avolja saru Nsara xorta waħda għamlu dak kollu li ġie għal idejhom bla skuplu ta' xejn bħal serq u qtil.

Għalkemm ħafna lsiera kienu draw il-jasar u lanqas biss kien jgħaddilhom il-ħsieb min-moħħhom li jerġgħu lura, kien hemm oħrajn li moħħhom biss kien li jeħilsu mill-jasar, u għalhekk insibu, fejn xi nisa qabdu t-triq tal-prostituzzjoni biex jaqilgħu l-flus u jinfdew mill-jasar.

Iżda issa ejjew inħallu lsiera li kienu jgħixu mal-familji Maltin u naqilbu fuq l-ilsiera li kienu jiġu kkundannati għal għomorhom jaqdfu fuq ix-xwieni tal-Ordni. Għalkemm l-istorja tal-Ordni ta' San Ġwann tgħaqqad flimkien tliet paġni glorjużi, dik reliġjuża, militari u navali fi ġrajja waħda, wieħed isib, li fl-istorja marittima tagħha din l-Ordni għamlet użu minn diversi skwadri ta' xwieni, mibnijin fi żminijiet differenti, kemm bħala mezz ta' trasport għall-ħtiġijiet tagħha kif ukoll dawk tat-taqbid kontra l-għadu Tork.

U peress li aħna se nitkellmu fuq dawk tat-taqbid, tajjeb li wieħed ifakkar lill-qarrejja tagħna li l-aktar skwadra li tissemma' għar-rebħiet kbar li għamlet tul il-medda ta' snin hi dik tal-galeri. Din ix-xini ħafifa minn dejjem kienet meqjusa bħala sinjal ta' qawwa għall-pajjiż li jħaddan skwadra minnhom.

Il-galera kienet xini ta' madwar 165 pied (55 metru) baxxa mal-ilma li timxi bil-qlugħ Latin u bil-qaddiefa. L-ekwipaġġ ta' din ix-xini kien ilaħħaq madwar 600 ruħ, nofshom qaddiefa, filkotra tagħhom ilsiera Torok.

Kull galera kellha 51 bank tal-ilsiera, b'26 bank fuq il-lemin u 25 ieħor fuq ix-xellug. Flok id-disa' bank kien ikun hemm il-fuklar fejn kien isir it-tisjir kollu ta' fuq il-galera. Fuq kull bank kien ikun hemm ħames qaddiefa, bl-iqsar wieħed minnhom fuq in-naħa ta' ġewwa u f'tarf il-moqdief kont issib il-bonavolja.

Sintendi bħal kull xini oħra kien jirrekjedi ħafna xogħol biex tarma galera għat-tbaħħir, u kif wieħed jista' jimmaġina, li l-imqadef kienu jintużaw meta ma jkunx hemm riħ jew f'każ ta' taqbid. Il-galera kienet toħroġ mill-port bil-qdif imbagħad jinfetaħ il-qlugħ. Barra minn hekk, il-qaddiefa tal-galeri kienu jiġu magħżulin u mħarrġin tajjeb fil-mistier tagħhom, għalkemm wieħed jista' jimmaġina x'ħajja iebsa kienu jgħaddu dawn l-imsejkna lsiera ikkundannati fuq il-moqdief.

Ħafna jsostnu li l-ilsiera Misilmin f'Malta kienu ttrattati tajjeb ħafna meta wieħed jipparagunahom mal-ilsiera Nsara taħt it-Torok. Tant hu hekk, li dawn ma setgħux jiġu msawta jew maħqura fuq il-galeri kif ukoll fuq l-art. Sintendi l-ħolma ta' kull ilsir kienet tkun li mal-ewwel ċans li jiġih, jaħrab u jmur lura f'pajjiżu, iżda jingħad li ħafna lsiera qatt ma wrew ix-xewqa li jinħelsu mill-jasar. Ħafna huma tal-fehma li r-raġunijiet ewlenin li din ix-xewqa maż-żmien kienet tibred f'qalbhom kienu tnejn, minħabba t-tul tas-snin li kienu jdumu fil-jasar u biż-żmien kienu jinsew lil qrabathom, u t-tieni, kienet il-biżgħa li jerġgħu jinqabdu mill-ġdid ilsiera minn sidien oħra aktar kiefra.

Raġuni oħra valida ħafna hi, li ħafna minnhom kienu jidraw u aċċettawh il-jasar għax kienu mitmugħin, ikkurati u mlibbsin tajjeb. U veru li l-kura tal-ilsiera fi żmien l-Ordni kienet tajba ħafna għax insibu, li kull meta l-ilsiera li kienu fdati bħala sefturi f'bosta djar tal-kavallieri, fil-Bereġ u fil-palazz tal-Gran Mastru kienu jimirdu kienu jintbagħtu fis-Sagra Infermerija fejn kienu jingħataw kura mill-aħjar tobba.

L-istoriku Ġużeppi Muscat jgħidilna li fis-suq Malti kont issib ilsiera ta' kull età. Il-prezzijiet kienu jvarjaw minn ftit skudi għal xi xwejjaħ jew ilsir immankat għal 320 skud għal xi żagħżugħ. Waqt li tifel ta' 7 snin kien jinbiegħ 77 skud, raġel anzjan kien iġib 35 skud. Ilsir li jinzerta xi ras kbira jew ġej minn xi familja għanja l-prezz kien ilaħħaq il-1,000 skud. Minn dawn is-swieq tal-ilsiera, l-Ordni (1650) kien iħallas prezz fiss ta' 137 skud u 6 tari għal kull ilsir tajjeb għal fuq il-galeri li kien jixtri.

## ĦARBA TAL-ILSIERA

Għedt li l-ħolma ta' kull ilsir kienet li xi darba jeħles mill-jasar tiegħu iżda kif seta' xi darba jaħrab bla flus? L-uniku mezz ta' ħarba, u hawn nimmaġina wkoll li kienet diffiċli ħafna, kien li jsib xi padrun ta' xi xini barranija u jgħinu jaħrab.

Minħabba hekk, l-Ordni kienet ħarġet ordni li kull biċċa tal-baħar li tkun marbuta mal-moll trid tiżarma mill-qlugħ, mit-tmun u l-imqadef tagħha, u kull sid ta' kull opra tas-sajd (ferilli jew kajjikki) kien obbigat b'liġi li jorbot id-dgħajsa tiegħu fil-menqa ta' Bormla qabel inżul ix-xemx – fejn bejn wieħed u ieħor, fl-istess sit, fiż-żmien l-Ingliżi, l-ammiraljat kien bena l-Baċir numru Wieħed.

Kien hemm pieni ħorox għal min iħarrab jew jgħin lil xi lsir jaħrab, min iżommu moħbi għandu jew min iħallaslu l-passaġġ biex jaħrab. Anke sid il-mirkeb li permezz tiegħu jkun se jaħrab kien jeħel multa kbira. Jekk ikun bonavolja jeħilha għall-għomru jaqdef fuq galera bla ħlas, u l-komitu, l-argużin u l-gwardjani jeħlu multa kbira ta' flus.

L-Ordni dejjem kien iħalli xi brigantin jew qoxra oħra qrib il-Funtana ta' Nettunu f'Xatt il-Belt (quddiem il-knisja ta' Liesse ) bħala għassa għal xi lsiera li jittantaw jaħarbu mill-port fuq xi biċċa tal-qlugħ.

Meta kien jaħrab xi lsir minn fuq xi galera, kienu jeħlu l-ilsiera shabu kollha tal-bank ta' quddiemu, u dawk tal-bank ta' warajh. Jekk jinqabad kienu jaqtgħulu parti minn imnieħru jew widna għall-ewwel attentat tiegħu, u jekk jerġa' jipprova jaqtgħulu l-oħra. Minħabba hekk il-bonavolja kien ordnat li jżomm għajnejh miftuħin fuq sħabu tal-bank.

B'danakollu, b'dawn ir-restrizzjonijiet kollha xorta waħda kien hemm xi lsiera li rnexxielhom jaħarbu iżda dejjem weħidhom. L-aħjar okkażjoni għall-ħarba kienet tkun meta l-galera tersaq lejn l-art għall-ilma jew għall-għbir tal-ħatab. Il-bonavolji li kienu fdati aktar mill-furzati u mill-ilsiera ġieli ħarbu f'dawn l-okkażjonijiet. Jingħad ukoll li kien hemm suldati, baħrin u saħansitra nies tas-sengħa bħal mastrudaxxi, qlafat u buttara li ħarbu f'ċirkustanzi simili.

Sintendi għal ilsir biex jaħrab minn Malta bla tixħim kien diffiċli ħafna, kemm għax ried ta' bilfors jagħmel użu ta' xi qoxra tal-baħar u s-swar ta' madwar il-port kienu mimlijin għasses.

*Ikompli l-ġimgħa d-dieħla*